**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 155/2017**

**CR ('l-ilmentatur')**

**vs**

***Bank of Valletta p.l.c.* (C2833)**

**('*BOV*', 'il-Bank', 'il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tat-12 ta' Settembru 2018**

**L-Arbitru ra l-ilment fejn fil-qosor l-ilmentatur jghid:**

Illi gie mibjugh *shares* fil-*La Valette Multi Manager Property Fund (LVMMPF)* minn impjegat tal-*BOV*. Jghid li huwa mhuwiex intiz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u m'ghandux xi edukazzjoni gholja bizzejjed u esperjenza biex jifhem ir-riskji marbuta ma' dan it-tip ta' investiment.

Huwa m'huwiex '*High Net Worth Individual*' u lanqas kellu investimenti ta' valuri kbar u sufficjenti li setghu jassorbu telf ta' kapital minghajr ma joholqu inkonvenjent finanzjarju serju.

Il-*BOV* ikklassifika lill-ilmentatur bhala '*experienced investor*' a bazi li kien mibjugh fondi ohra mill-provditur tas-servizz stess u kumpaniji tieghu li hu jikkontrolla. Ir-raguni li a bazi taghha l-ilmentatur kien meqjus ta' esperjenza mhix wahda valida u sufficjenti. Tfisser biss li l-Bank kien biegh strumenti finanzjarji u kumplikati lill-ilmentatur ghal aktar minn darba wahda.

Filwaqt li l-ilmentatur wera fiducja fil-provditur tas-servizz u investa l-kapital tieghu mieghu, il-provditur ma kellu qatt jikklassifika lill-ilmentatur bhala *experienced investor* ghaliex fis-sustanza l-ilmentatur ma kienx espert jew inkella professjonali bhala investitur.

L-ilmentatur isostni illi kieku l-provditur tas-servizz mexa b'mod gust mieghu ma kienx ipoggilu flusu f'riskju li l-kapital jintiliflu kif fil-fatt gara.[1]

Huwa qed jitlob li jinghata t-telf li ghamel li jammonta ghal €10,201.13.[2]

**Il-Provditur tas-Servizz huwa kontumaci**[3]

Però, kif irritenew diversi drabi l-Qrati taghna, kontumacja ghandha titqies li hija kontestazzjoni; però, din il-kontestazzjoni hi wahda generika u mhix specifikata peress li l-provditur tas-servizz tilef id-dritt li jirrispondi ghall-ilment.

Imma l-ilmentatur irid jipprova dak li qed jallega b'mod li jikkonvinci moralment lill-Arbitru. Il-Qorti tal-Appell[4] sostniet li ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.

Imma dan irid isir a bazi tal-provi kif migjuba quddiemu mill-ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz ma jistax jinqeda bin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu biex jipprova jdahhal provi ohra jew iqajjem difizi li ma setax jaghmel.

F'dan ir-rigward, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet ***Keith John Abela Fitzpatrick kontra Salvatore Cutajar u Leonarda Cutajar*** **(ID 410141M) deciza fl-14 ta' Novembru 2011, qalet:**

**'***Din il-Qorti tghid fl-ewwel lok li ghalkemm il-konvenut Salvatore Cutajar baqa' kontumaci, li titqies bhala kontestazzjoni tal-istanza attrici, huwa pprezenta nota ta' osservazzjonijiet li hija l-unika mezz li jaghtih il-Kap. 12 sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu fuq il-provi akkwiziti.*

*Ma jistax konvenut, fi stat ta' kontumacja, jinqeda b'nota ta' sottomissjonijiet sabiex iressaq provi ta' kwalunkwe natura. B'riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Salvatore Cutajar fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid mill-ewwel illi hija sejra tiskarta kwalunkwe accenn ta' prova gdida min-naha*

[1] A Fol 6
[2] A Fol 105
[3] A Fol 89 et seq
[4] *Fenici Insurance Agency Ltd. vs Paul Stoner et,* 22/11/2002; u *Joseph Vella vs Pierre Cremona,* 10/10/2003

*tieghu, billi dik mhijiex ammissibbli, u taccetta biss u esklussivament sottomissjonijiet minn tieghu dwar provi akkwiziti.'*

Fil-verbal tieghu tal-10 ta' April 2018,[5] l-Arbitru ghamilha cara mal-provditur tas-servizz li n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kellha tkun '*fil-limiti tal-kontumacja*'.

Ghalhekk se jimxi ma' din il-linja.

**PROVI**

L-Arbitru ghandu quddiemu biss il-provi mressqa mill-ilmentatur. Meta xehed fis-seduta tal-10 t'April 2018,[6] huwa qal li kienu jcemplulu repetutament mill-Bank u jghidulu li kellu hafna flus *fixed,* u hu kien jinvesti skont kif kienu jghidulu huma ghaliex ma kienx jifhem f'dawn l-affarijiet. Hekk gara wkoll f'dan il-kaz u fuq parir tal-Bank investa fil-*LVMMPF*. Fl-istess waqt ghamlulu xi tlett investimenti ohra u, ghalhekk, ma qaghdux jispjegawlu dan il-Fond:

'*Nghid li ma spjegawli xejn dwaru lanqas li kien fil-proprjetà jew affarijiet bhal dawn. Nghid li ma nahsibx li kienu tawni dokumenti dwar dan il-prodott, u jekk tawni u jekk kienu bl-Ingliz, jien ma kontx nifhem bl-Ingliz ghax ma nafx naqra u nikteb bl-Ingliz.'*[7]

L-ilmentatur xehed li kellu skola sas-sekondarja u, filwaqt li ma kienx jaf jaqra u jikteb bl-Ingliz, bil-Malti kien jaqra ftit. Ghamel ghoxrin sena jahdem id-*Drydocks* u ghamel xi ghaxar snin ibiegh il-XXX. Meta investa fil-*LVMMPF* kien jahdem id-*Drydocks.*

Kien ha l-Offerta, u meta kienet saret il-laqgha ghal dawk li kienu nvestew fil-*Property Fund* kien qalilhom sabiex jaghtuh flusu u xejn aktar.

Izid:

*'Nghid li accettajt l-Offerta ghax daqslikieku kelli revolver ma' rasi, jigifieri dak iz-zmien fhimtha li jew niehu dawk jew nitlef kollox.*

[5] A Fol 96
[6] A Fol 94 et seq
[7] A Fol 94

*Għall-Offerta niftakar li kienu bagħtu għalija l-Bank u qaluli biha u jien accettajtha għaliex ma kienx hemm triq oħra. Jien ma stajtx nitlef kollox. Jien il-flus dejjem kont ħdimt għalihom u deherli li ma kellix nitlifhom.*

*Jien fl-investimenti ma kontx nifhem meta għamilt il-Property Fund u dejjem qgħadt fuq il-pariri tal-advisors tal-Bank.'*[8]

Mid-dokumenti esebiti minnu stess jirriżulta li huwa kien investa f'dan il-Fond l-ammont ta' €31,972.99,[9] u rċieva permezz tal-Offerta s-somma ta' €21,771.86, u qed jgħid li għalhekk tilef is-somma ta' €10,201.13.

**Kif sar il-Bejgħ lill-Ilmentatur**

Mill-provi li għandu quddiemu l-Arbitru, jiġifieri minn dawk provduti mill-ilmentatur, jirriżulta li hu kien klijent *retail*, li kien ta' ftit skola u kien investa fil-*LVMMPF* għaliex kienu qalulu biex jagħmel hekk ir-rappreżentanti tal-Bank. Dawn kienu bagħtu għalih huma u, għalhekk, l-inizjattiva sabiex isir investiment f'dan il-Fond kienet tal-Bank.

Fl-ittra li rċieva mingħand il-Bank,[10] intqal lilu li hu kien meqjus bħala '*experienced investor*' u, għalhekk, ma setax jingħata s-somma addizzjonali li l-Bank kien qed jagħti lil dawk li tqiesu mill-*Mazars* li ma kinux investituri ta' esperjenza.

Biex investitur seta' jitqies bħala investitur ta' esperjenza mhux biss ried jilħaq il-kriterju li kien għamel tranżazzjonijiet fil-ħames snin ta' qabel li jammontaw għal USD50,000. L-Arbitru m'għandu l-ebda prova quddiemu li l-ilmentatur laħaq dan il-kriterju. Iżda ried ukoll jissodisfa kriterji oħra li kienu definiti fis-*Supplementary Prospectus* li fuqu l-ilmentatur kien investa.

Fid-definizzjoni tal-Prospett Supplimentari l-ilmentatur ried ikollu "*the expertise, experience and knowledge to be in a position to make [his] own investment decisions and understand the risks involved*" li hija parti prinċipali tad-definizzjoni ta' *experienced investor.*

[8] A Fol 95
[9] A Fol 11,12 ,13 u 105
[10] A Fol 10

L-ilmentatur ikkonferma quddiem l-Arbitru bil-gurament waqt ix-xhieda tieghu li dan l-investiment ma kienx sar wahdu imma ma' tlieta ohra, u la qrawlu d-dokumenti u lanqas tawh informazzjoni dwar il-prodott.

Il-provditur tas-servizz kellu jiehu certi mizuri ragonevoli biex jara li investitur jissodisfa b'mod konkret id-definizzjoni ta' *Experienced Investor* skont il-Prospett Supplimentari u dan fl-interess tal-klijent tieghu stess li kien qieghed jidhol fi *Professional Investor Fund* u mhux f' xi fond ghal *retail investors.*[11]

Dan, izjed u izjed, fil-kuntest fejn il-provditur tas-servizz kien qieghed ibiegh prodott immanigjat u mahrug minn kumpanija affiljata mieghu stess u fejn wiehed huwa ghalhekk mistenni li jezercita izjed prudenza u diligenza fic-cirkostanzi.

Finalment, hekk kif digà imsemmi, l-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jagixxi "*with due skill, care and diligence*" u fl-ahjar interess tal-ilmentatur hekk kif rikjest minn *Standard Licence Condition 3.03* tal-*Investment Services Guidelines* li kienu japplikaw dak iz-zmien, u f'dan ir-rigward mill-provi prodotti jitqies li l-provditur tas-servizz ma agixxiex b'dan il-mod kif ragonevolment mistenni.

Persuna li kienet totalment tiddependi fuq il-Bank, fejn kienet giet stabbilita relazzjoni fiducjarja, il-provditur tas-servizz kellu jagixxi ta' missier tajjeb tal-familja u ma jinvestix somma daqshekk sostanzjali fi prodott li kien l-ewwel wiehed tax-xorta tieghu f'Malta u f'fond tal-proprjetà mahsub ghal *Professional Investors* li kien igorr mieghu certi riskji.

Ghalhekk, galadarba l-prodott mibjugh lill-ilmentatur ma kienx addattat ghalih ghaliex kien mahsub ghal *Professional Investors*, sar bejgh hazin tal-prodott.

Jirrizulta wkoll li l-*LVMMPF* ma kienx jilhaq l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-ilmentatur[12] li ried investiment aktar sikur.

Barra minn hekk, il-fatt li l-provditur tas-servizz ma tax spjega tan-natura u tar-riskji involuti fl-investiment *de quo*, il-provditur ma mexiex b'*buona fede* li hija l-bazi ta' kull relazzjoni kontrattwali.

---

[11] Fis-sezzjoni intitolata '*Important Information'* f'pagna 6 tal-Prospett Supplimentari datat 1 ta' Settembru 2005, hemm fil-fatt imnizzel li *PIFs,* jigifieri '*Professional Investor Funds*' huma fil-fatt '*Non-Retail Schemes*'.
[12] Kap. 555, Art.19(3)(c)

**Fil-kontumacja tal-provditur tas-servizz u ghar-ragunijiet moghtija, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

F'dan il-kaz l-ilmentatur ghandu kemm jista' jkun jitpogga fil-pozizzjoni originali tieghu. Huwa investa b'kollox fl-*LVMMPF* is-somma ta' €31,972.99 u permezz tal-Offerta ircieva lura s-somma ta' €21,771.86 u, ghalhekk, tilef is-somma ta' €10,201.13.

L-Arbitru m'ghandu l-ebda prova li l-ilmentatur ircieva xi *dividend* u, ghalhekk, ma jistax inaqqsu.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lill-*Bank of Valletta p.l.c*. ihallas lill-ilmentatur is-somma ta' ghaxart elef, mitejn u ewro u tlettax-il centezmu (€10,201.13).**

**Bl-imghaxijiet legali mid-data li fiha l-ilmentaturipprezenta dan l-ilment sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**